# ANNIVERSARJI

***Kitba ta' Mario Attard***



Hija ħaġa komuni u mistennija kull fejn hemm l-attività u d-dinamiċiżmu li minn sena għal oħra jitfakkru anniversarji mżewqa fin-natural tagħhom. Fl-istess waqt hija ħaġa sabiħa u sservi ta' eżempju għal ħaddieħor, l-aktar għal dawk li għandhom il-ħila jagħtu kontribut lis-soċjetà.

Matul din is-sena qegħdin infakkru erba' anniverarji marbutin mal-50 sena. Insibu lill-**Perit Duminku Mintoff** li ilu nofs seklu President tal-Banda tagħna; l-ex-Surmast ta' din l-istess banda, lis-sur **Carmelo Vella** li ilu ħamsin sena bandist u lis-sur **Salvino Magro** li ilu ħamsin sena jaħdem id-dawl elettriku fil-festa tal-Kunċizzjoni fil-belt tagħna. Ma' dawn l-anniversarji ma nistgħux nonqsu milli nfakkru wkoll lit-**Triq 8 ta' Diċembru** li proprju nhar il-festa tal-1948 kienet inawgurata.

Bandist ieħor, **Victor Gili**, għalaq erbgħin sena bħala bandist mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Mentri **Dun Anton Cachia** din is-sena qiegħed ifakkar il-25 sena mindu ħa l-quddiesa.

Bix-xieraq issa nistgħu nagħtu ħarsa lejhom f'iżjed dettall sabiex inkunu mgħarrfa aħjar dwar kull anniversarju li semmejna.

## DUMINKU MINTOFF

Ġublew tad-deheb jew għeluq il-ħamsin sena bħala President tal-Banda San Ġorġ huwa dak ta' Dom Mintoff. Fil-fatt, Mintoff huwa t-tieni President fl-istorja tal-Banda Bormliża mindu twaqqfet fl-1862.

Mintoff twieled f'Bormla fis-6 ta' Awissu 1916, u bis-saħħa tas-seduta ġenerali tal-Banda ta' Bormla, fl-14 ta' Marzu 1948, inħatar President. Kien hemm okkażjonijiet oħra li fihom il-Banda San Ġorġ tat ġieħ lil Dom Mintoff. Insemmi b'eżempju is-*soiree d'honneour* fl-4 ta' Frar 1973 biex tfakkar il-25 sena tiegħu bħala President tal-Banda ta' Bormla. Fl-1987 il-Perit Mintoff kixef lapida fil-każin biex tfakkar għeluq il-125 sena mit-twaqqif ta' l-istess banda. Filwaqt li riċentement, fl-1996, ittellgħet lejla ta' ġieħ fil-pjazza ta' quddiem il-każin f'għeluq it-80 sena tal-President tal-banda tagħna.

## CARMELO VELLA

Is-sur Carmelo Vella twieled fl-1934, u għalhekk illum jgħodd 64 sena u joqgħod Bormla. Dan ifisser li llum huma rtirat mix-xogħol. Filwaqt li minn dejjem kien iħobb il-banda, illum għandu ħafna ħin biex jibqa' jiddedika ruħu u jserraħ il-menti tiegħu b'din l-unika mogħdija taż-żmien li għandu. Missieru kien idoqq ma' "Tal-Grazzja" ta' Ħaż-Żabbar u bħala tifel dejjem kien jieħdu miegħu. Minn hemm bdiet tinżera' fih il-ħajra għall-banda. Dak kien żmien meta l-familja tiegħu kienet toqgħod Għajn Dwieli. Beda jitgħallem idoqq mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fejn ħa bis-serjetà l-mużika u hekk baqa' iżjed ma kiber. Kompla jistudja u javvanza fl-istudji biex fl-1971 sar Assistent tas-Surmast Carmelo Ciantar. Wara l-mewt ta' Ciantar fl-1983, Vella sar is-Surmast il-ġdid tal-banda ta' Bormla u dam sa l-1991. Bejn l-1992-96 kien Surmast tal-"Madonna tal-Karmnu" tal-Fgura.

Barra mill-karigi f'Bormla, Carmelo Vella kellu karigi diversi ma' baned oħrajn. Kien Assistent Surmast tal-Banda San Nikkola tas-Siġġiewi, tal-Banda Queen's Own ta' l-Isla u l-Banda Beland taż-Żejtun.



FESTA TAL-KUNĊIZZJONI, 1987. Is-Sur Carmelo Vella fil-festa ta' dis-sena jagħlaq 50 sena fix-xena bandistika. Hawn fuq jidher fiż-żmien meta kien Surmast tal-Banda San Ġorġ flimkien mal-bandisti ġodda. Fuq ix-xellug tas-Sur Carmelo Vella jidher Willie Abbott li dak iż-żmien kien Assistent Surmast.

Mill-esperjenza twila tiegħu mal-banda, Carmelo jiftakar b'ċerta nostalġija kif beda jidderieġi banda għall-ewwel darba. Fis-sebgħinijiet "San Ġorġ" ta' Bormla u "De Rohan" ta' Ħaż-Żebbuġ kienu mistiedna jdoqqu fil-festa ta' San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq. Fil-banda ta' Ħaż-Żebbuġ inqala' nuqqas ta' ftehim mas-Surmast tagħha u spiċċaw bla Surmast. Tlieta mill-bandisti talbu lis-Surmast Carmelo Ciantar imexxihom huwa, iżda ma setax. Dan għaliex fir-regoli tal-Banda San Ġorġ l-ebda Surmast ma seta' jidderieġi banda oħra. Kien hawn li ż-Żebbuġin talbu lil Carmelo Vella, bħala Assistent Surmast ta' Bormla, jidderieġi lil "De Rohan".

Bil-ħsieb li jżomm l-uniku delizzju tiegħu prattiku, Vella għadu jdoqq bħala bandist mal-"King's Own" tal-Belt u xi baned oħra. Mill-festa tal-Kunċizzjoni ta' din is-sena, se jibda joħroġ bħala bandist mal-banda lokali "San Ġorġ". U bħala apprezzament tal-ġublew tad-deheb bħala bandist, se jħabbat biċċa mużika wkoll quddiem il-poplu Bormliż.

## SALVINO MAGRO

Personalità li għandha rabta mal-festa u mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fl-istess ħin qiegħda tfakkar il-50 sena ta' ħidma tagħha taħdem id-dawl tal-Kunċizzjoni. Salvino Magro twieled f'Bormla fl-1924 u fil-gwerra l-familja tiegħu marret bħala rifuġjati fir-Rabat. Peress li l-omm kienet minn hemm stess, baqgħu joqogħdu r-Rabat. Meta Salvino żżewweġ fl-1956, huwa ġie joqgħod Bormla. Dan iż-żwieġ iġiblu tifkira unika peress li r-riċeviment għamlu fil-*foyer* tar-Rialto (li llum huwa meħud mill-Mid-Med Bank). Huwa qalli li dak kien l-uniku tieġ li qatt sar fir-Rialto.

Salvino Magro, ex-impjegat mat-*telephones* beda jaħdem id-dawl tal-festa b'kumbinazzjoni. Sa qabel l-aħħar gwerra dan id-dawl kien jaħdmu missieru, imma fl-1947 l-ex-Arċipriet Cassar ġie dahru mal-ħajt peress li kien inqalagħlu xi diżgwid ma' min kien jieħu ħsieb id-dawl. Għalhekk il-Kan. Cassar talab l-għajnuna lil Salvino Magro... u bejn xi ħaġa li kellu biex jarma minn ta' missieru u bejn li tah xi ħaġa l-Kan. Cassar, bdiet is-sensiela ta' ħamsin sena nfila.

Mill-esperjenza tiegħu bħala *electrician*, Salvino għandu waħda partikolari li jibqa' ħaġa waħda ma' ħsiebu: il-50 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Kor. Dan l-aħħar it-tifel tiegħu Marco qed ikompli t-tradizzjoni mibdija minn nannuh għaliex qed jarma d-dawl tal-festi.

Iċ-ċirkostanzi rabtu lil Salvinu Magro sa minn ċkunitu mal-parroċċa tal-Kunċizzjoni u mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Dan peress li missieru kellu ħanut



Is-Sur Salvu Magro jidher jgħin waqt li l-istatwa tal-Papa Piju IX qed titniżżel minn fuq il-kolonna fi Pjazza Paolino Vassallo, Bormla.

ħdejn ir-Rialto u l-każin tal-banda, u allura xejn bogħod mill-knisja parrokkjali. Tajjeb inkunu nafu li Salvinu kien ukoll membru tal-Kumitat tal-Banda tagħna, partikularment meta l-każin kien jinsab temporanjament f'Bull Street sakemm jitlesta l-bini tal-każin preżenti. F'dak iż-żmien fil-Karnival il-banda Bormliża għamlet karru tal-karnival imsemmi "Operala" u l-kostumi ħadet ħsiebhom ċerta Pawla (mara Bormliża li għad li llum hija mejta fiżikament, fil-qlub ta' bosta Bormliżi, huma fejn huma, għadha ħajja fil-memorji tagħhom). Dak in-nhar kienu ħadu l-ewwel premju u r-ritratt tal-kumpannija għadu fil-każin.

Is-sur Salvinu Magro llum joqgħod il-Mosta iżda nassigura lill-qarrejja li f'leħnu daqs kemm f'qalbu u f'demmu hemm dik ħeġġa u x-xewqa ta' min huwa Bormliż veru.

## IT-TRIQ 8 TA' DIĊEMBRU

Anniversarju ta' natura oħra minn dawk li ttrattajna jfakkar għeluq il-50 sena minn meta nfetħet uffiċjalment it-triq li minnha tgħaddi l-vara tal-Kunċizzjoni u purċissjonijiet oħra.

Kien l-Erbgħa, Jum il-Kunċizzjoni tal-1948, fi żmien il-Prim Ministru Pawlu Boffa. Dak in-nhar, qalb folla ta' nies u fil-preżenza ta' nies distinti fosthom Dom Mintoff li kien il-Ministru tax-Xogħlijiet u r-Rikostruzzjoni u President tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, infetħet din it-triq billi s-sinjura Mintoff qatgħet iż-żigarella

bajda u blu. Il-Banda San Ġorġ daqqet l-Innu Malti. Dak in-nhar il-gazzetta lokali interpretaw dan l-avveniment bħala fattur uniku fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' l-Immakulata ta' dik is-sena.

Ġurnata qabel, lejlet il-Kunċizzjoni, instabet bomba li jingħad li kienet tal-Luftwaffe, instabet fi Triq il-Mitħna, ftit metri 'l bogħod mit-triq il-ġdida, u ħtija ta' hekk 45 familja kienu evakwati sakemm il-bomba ttieħdet mill-membri tan-Naval Bomb and Mine Disposal.




Is-Sinjura Moira Mintoff, il-mara tal-Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni qed tiftaħ uffiċjalment Triq it-8 ta' Diċembru, billi taqta' ż-żigarella blu u bajda.

Biex inżidu biċċa kronaka oħra interessanti u nostalġija għall-anzjani tagħna, nirreferi għall-avviż li l-Grand Harbour Steam Ferry Co. għamlet dwar ġarr tal-passiġġieri bil-laneċ. Din il-kumpannija fakkret lill-pubbliku li s-servizz tal-laneċ lejlet u nhar il-Kunċizzjoni tal-1948 kienu se jitwalu sal-għaxra ta' bil-lejl.

## VICTOR GILI

Id-Direttur Ġenerali preżenti tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla, jiġifieri Victor Gili, din is-sena qiegħed ifakkar l-40 sena mindu ħareġ idoqq għall-ewwel darba fl-1958.

Victor Gili twieled f'Bormla f'April 1946 u wiret l-imħabba għall-banda mingħand nannuh, li kull fejn kienet tmur iddoqq il-banda ta' Bormla, huwa



Is-Sur Victor Gili li dis-sena għalaq 40 sena konsekuttivi bħala bandist tal-Banda San Ġorġ jidher qed jippreżenta bandiera tal-Kunċizzjoni lill-Dr. Joseph Cassar Delia waqt ir-riċeviment annwali tal-festa 1996.

dejjem kien iżomm il-partijiet. Ta' min jgħid li n-nannu ta' Victor huwa Salvu s-Slejls li kien l-ewwel gowler li kellhom is-St. George's fl-1890.

Ta' ħdax-il sena Victor Gili ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda San Ġorġ fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fix-xahar ta' April 1958. Beda jdoqq il-kurunetta iżda minħabba raġunijiet fiżiċi kellu jaqleb għall-althorn u mbagħad xi ħdax-il sena ilu qaleb għall-platti.

Il-kontribut tiegħu mal-banda ta' Bormla ma hux marbut biss bħala bandist, fil-fatt ilu jservi fil-Kumitat sa minn mindu kellu 18-il sena, b'xi interruzzjoni ta' sentejn jew tlieta minħabba ċirkostanza jew oħra. Il-karigi ta' Victor Gili fil-Kumitat tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla kienu bħala Assistent Kaxxier u wara Kaxxier, imbagħad Assistent Segretarju u Segretarju u l-aħħar kariga li kellu u li għadu jokkupa sa issa hija ta' Direttur Ġenerali.

Mill-esperjenza li għex tul dawn l-erbgħin sena ta' bandist, Victor Gili jiftakar l-iżjed fid-drawwa sempliċi imma sinifikanti li kellu ċertu Sur Grima magħruf bħala "Patri Ġann" kull nhar Santa Marija tal-Gudja. F'din il-festa, is-sur Grima, li kien ukoll membru tal-Kumitat tal-Banda ta' Bormla, kienu jieħdu lill-bandisti ż-żgħar qabel il-marċ għal ikla bajtar u wara kien jixtrilhom flixkun luminata.

Ix-xewqa ewlenija tad-Direttur Ġenerali tal-banda Bormliża li esprima miegħi hija li jinqata' l-vandaliżmu u n-nies tagħna titgħallem dejjem aktar quddiem il-bidliet infrastrutturali li hemm jistennew lill-belt tagħna.



Dun Anton Cachia jidher fuq il-lemin tar-ritratt. Mix-xellug: l-ex-Arċipriet Dun Victor Cilia, Dun Ġorġ Abela, Dun Gustav Barbara, Dun Ġużepp Bonello u Dun Ġużepp Zammit.

## DUN ANTON CACHIA

Dun Anton din is-sena qiegħed ifakkar il-25 sena mindu sar saċerdot. Huwa twieled f'Bormla fit-30 ta' Settembru 1930. Għaxar snin wara telaq mal-familja tiegħu bħala rifuġjat tal-gwerra l-ewwel lejl Ħal Qormi u wara lejn ir-Raħal Ġdid. Il-familja ta' Dun Anton Cachia reġgħet lura f'Bormla fl-1952.

Ta' 14-il sena Dun Anton daħal apprentist fit-Tarzna kif ukoll daħal fis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., fejn baqa' jattendi, sar soċju u hekk baqa' sakemm ġietu l-vokazzjoni li jsir saċerdot. Din is-sejħa għalih ħarġet mill-*motto* tal-M.U.S.E.U.M. stess: "ħeġġa għat-tagħlim biex filwaqt li titgħallem personalment tgħin lil ħaddieħor jitgħallem ukoll".

L-esperjenzi fil-ħajja ta' Dun Anton Cachia jieħdu żewġ xejriet: bħala lajk u bħala saċerdot. Bħala lajk insibuh fid-dinja tax-xogħol fit-Tarzna bħala *fitter*, *fitter afloat* u inġinier fuq it-*tug boats* kif ukoll għallem fis-St. Joseph Technical School ta' Kordin bejn l-1963-69.

Fid-dinja ta' reliġjuż, insibu lil Dun Anton jibda jistudja fil-Beda Late Vocation College ta' Ruma fejn dam bejn is-snin 1969-73. Fit-8 ta' April 1973 ħa l-Ordni Sagri. Fil-ħidma pastorali tiegħi li kienet fil-parroċċa ta' Bormla, inisbuh jinħatar Kappillan tas-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura tal-Birgu fl-1979 u kien konfessur tas-sorijiet Franġiskani ta' Bormla. Sadattant huwa baqa' jservi fil-parroċċa ta' Bormla.

Għad li ntlaqat b'diżabilità, Dun Anton Cachia huwa motivat ħafna mill-Fidi Nisranija u ssibu dejjem lest li jgħin bil-pariri u l-esperjenza tiegħu.

## GĦELUQ

Wara li ppreżentajt lill-qarrejja dawn il-personalitajiet li din is-sena qegħdin iżidu tifkira partikolari fil-ħajja tagħhom (apparti l-anniversarju mill-ftuħ ta' Triq 8 ta' Diċembru), inħoss li f'isem kull Bormliż u kull min jixtieq il-ġid lil din il-belt Cospicua, għandi rroddilhom il-ħajr sinċerament ta' kulma għamlu fil-qasam partikolari tagħhom. Nixtieq, anzi fil-fatt din hija x-xewqa, li kull min jaqra din il-kitba, jimmotiva ruħu minn dawk il-persuni li f'ħajjithom fittxew li jkunu ta' ġid għal ħaddieħor. Meta l-bniedem jifhem dan il-ħsieb ikun wasal fl-aqwa livell ta' maturità fil-ħajja tiegħu. Lill-persunaġġi kollha li semmejna, lill-membri tal-familji kollha tagħhom kif ukoll bl-istess qawwa lilkom il-qarrejja, nixtiqilkom il-festa t-tajba.

**Sinċier is-swat ta' ħabib**
**Qarrieq il-bews ta' min jobgħod**